
HISTOIRE
PIRATES
BATEAU



# Kapitlu 1

## Salpajna!



"Tommy, kont taf li t-teleskopju ivvintah wieħed Olandiż?" staqsieh Willy mingħajr ma qala' għajnejh minn fuq il-ktieb.

Tommy bilkemm ta kas x'qallu sieħbu. Kien qed jittawwal mit-teleskopju jsegwi l-bastimenti ġejjin u sejrin fuq il-baħar.

Marija qamet minn fejn kienet, bix-xabla tal-injam f'idha, u marret poġġiet fejn Willy. Jgħidulu Willy l-Bravu. Marija oħt Tommy. Għandha 8 snin u Tommy 10 snin. Imma tant hu twil li taħsbu ikbar minn hekk.

"Din fejn tgħallimtha? F'wieħed mill-kotba tiegħek?" staqsietu Marija lil Willy.



"Iva," qalilha, "u għalhekk dejjem niġri bihom."

Tommy qafel it-teleskopju maċ-ċintorin u niżel minn fejn kien qed jittawwal. Imbagħad mar ġab il-kappell tal-ġilda. Tommy xagħru aħmar twil u jsibuh bħala Tommy ir-Ruxxan.

Kif spiss kienu jħobbu jagħmlu, Tommy, oħtu Marija u l-ġar tagħhom Willy qattgħu l-ġurnata fid-dwejra li kienu bnew flimkien. Din qiegħda fuq siġra antika li minn fuqha jistgħu jaraw il-Kalanka tal-Furbani taħthom u jiflu l-baħar kollu kemm hu.



Id-dwejra fis-siġra tista' tasal għaliha billi timxi l-mogħdija li mill-kalanka tieħdok sar-raħal. Henry, missier Tommy u Marija, kien ġej lura mix-xogħol u kien miexi f'din it-trejqa. Henry mastrudaxxa.

"Tfal, ejjew, sar il-ħin għall-ikel!"

It-tliet pirati ċkejknin niżlu mid-dwejra u mxew ma' Henry sal-kalanka. Tommy u Marija sellmu lil Willy u lkoll marru lura għand il-ġenituri tagħhom.